MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 115/2012

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Carmen Vassallo u Connie u George Gafa'**

**li gew kjamati in kawza b'digriet tal-11 ta' Lulju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar it-30 ta' Marzu 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' hamest elef u mitejn ewro (€5,200) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef u mitt ewro (€4,100) ghal hsarat estensivi li r-rikorrent hallas ghal xoghlijiet ta' spare parts fuq il-vettura tal-ghamla Mercedes A Class 170 bin-numru ta' registrazzjoni CBO-179 li xtara minghand il-konvenuta in kwantu ghal elf u mitt ewro (€1,100) rapprezentanti diversi citazzjonijiet fuq l-istess vettura, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta' Lulju 2010 u bl-imghaxijiet mill-istess data kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Carmen Vassallo pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Gunju 2012 fejn eccepiet:

1. *"Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu respinti fl-intier taghhom.*
2. *Illi il-vettura ma inxtratx mir-rikorrenti izda minn martu Susan Camilleri li lanqas hija parti f'din il-kawza.*
3. *Illi l-vettura inxtrat second hand minghand l-intimata u kien ghalhekk l-obbligu tax-xerrejja li tezamina l-kundizzjoni tal-vettura mixtrija minnha li tippruvaha biex tara li fil-mument tal-vendita l-vettura mixtrija minnha kienet funzjonabbli. Di piu' meta l-intiamta talbet lil Susan Camilleri u zewgha Joseph Camilleri sabiex imorru jippruvaw il-karozza qabel ma xtrawha, dawn naqsu milli jippruvawha u ma riedux jippruvawha.*
4. *Illi fi kwalunkwe kaz l-istess Susan Camilleri xtrat il-vettura fil-kundizzjoni li kienet tinsab fiha kif accettata minnha liema vettura inbieghet f'kundizzjoni tajba kwindi jekk wara l-vendita' zviluppaw xi hsarat fl-istess vettura dawn*

*ghandhom jigu supportati unikament mir-rikorrenti u bl-ebda mod ma jista' jigi pretiz illi l-intimata thallas ghal dawn l-istess spejjez.*

5. *Illi in kwantu ghas-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100) illi qieghed jippretendi r-rikorrenti minghand l-intimata rapprezentanti diversi citazzjonijiet fuq din l-istess vettura, ir-rikorrenti tecepixxi illi fil-mument tal-bejgh u cioe' fis-17 ta' Frar 2010, il-karozza inbieghet bil-licenzja mhalsa u kwindi kwalunkwe citazzjonijiet jekk kien hemm, kienu kollha imhalsa altrimenti l-karozza ma kienitx tigi licenzjata. In oltre minghajr pregudizzju ghal dan suespost ir-rikorrenti irid jipprova illi dawn ic-citazzjonijiet jirreferu ghal perijodu qabel ma nxtrat il-vettura minnu.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibli bil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni."*

**Joseph Camilleri** xehed nhar it-13 ta' Gunju 2012 fejn meta mistoqsi jafx lill-konvenuta huwa wiegeb li ma jafhiex. Huwa kien impjegat mas-socjeta' maghrufa bhala 3D Distribution u l-manager hemmhekk qallu li kellhom karozza ghal bejgh u nteressa ruhu li jixtriha. Il-manager kienet Connie Gafa' u zewgha George Gafa'. Qal ukoll li George Gafa' kien qallu li huwa kellu prokura minghand Carmen Xuereb li seta' jbiegh l-karozza ghan-nom taghha. Il-karozza kienet registrata f'isem Carmen Xuereb. Il-karozza hija Mercedes A Class u numru ta' registrazzjoni huwa CBO 179. L-atur stqarr li l-karozza ma kienx raha qabel ma' xtraha. Effettivament huwa nghata l-opportunita' sabiex jipprova din il-karozza pero' l-opportunita' qatt ma sehhet. Zied li dakinhar meta huwa kellu jara l-karozza fejn kien qed jahdem George Gafa', dan naqas li johodielu u ghalhekk ma kienx ipprovaha . Pero' peress li Connie Gafa' kienet il-manager tieghu huwa afdaha u effettivament xtara l-vettura. Stqarr li hija kienet assikuratu li l-karozza kienet tajba u li effettivament anke sahansitra kien tahom sitt elef Ewro (€6,000). Jiftakar li huwa kien issellef dawn il-flus minghand ommu u kien hadhom ghand is-sinjura Gafa' cash tard bil-lejl. Hallihomlha fil-prezenza ta'

zewgha u tal-mara tax-xhud. Huwa dakinhar wara li kien gabar il-karozza mar lura biha d-dar Binja Nigret, iz-Zurrieq u l-ghada filghodu kien hadha ghand il-mekkanik sabiex jaghmlilha service u rrizulta li kien hemm hafna affarijiet li kellhom isiru fiha. Stqarr li effettivament dan is-service swieh vicin it-tlett elef Ewro (€3,000). Pero' dwar dan hass li kien ahjar li jixhed il-mekkanik tieghu li huwa Simon u ghandu Petrol Station, tal-Gzira. Tenna li whud minn dawn l-ispejjez hallashom huwa direttament peress li kellu jgib il-parts minn barra u naturalment kellu jhallas ukoll tal-labour. Ikkonferma li Connie Gafa' dejjem qaltlu li l-karozza kienet perfetta u ma kien jonqosha xejn.

**Victor Warwicker** xehed nhar il-11 ta' Lulju 2012 fejn meta mistoqsi jafx lill-Carmen Xuereb jew lil Carmen Vassallo, huwa kkonferma li ma jafhiex. Mistoqsi jekk jafx lil Connie Gafa' huwa qal li jafha peress li kienet tahdem mieghu fuq ix-xoghol. Huwa stqarr li jiftakar lil Connie tghidlu li hija riedet tbiegh karozza li kienet ta' habibitha, filwaqt li qaltlu li din il-karozza kienet f'kundizzjoni tajba hafna u li kien isuqha r-ragel taghha. Tenna li f'dak il-perjodu, huwa ma kienx ra l-karozza izda kellu nformazzjoni li l-karozza kienet Mercedes zghira. Minghalih li kienet A Class. Wara xi zmien huwa ra l-karozza u stqarr li kienet ta' lewn fidda fil-griz. Peress li finanzjarjament huwa ma setax jaffordja l-karozza, huwa qatt ma pprova jixtriha.

**Jason Smith** xehed nhar il-11 ta' Lulju 2012 fejn mistoqsi jekk jafx lil Carmen Vassallo jew Carmen Xuereb, ikkonferma li ma jafhomx u naturalment qatt ma ltaqa' mahom. Ikkonferma pero' li jaf lil Connie Gafa' tramite l-attur Joseph Camilleri u fil-fatt kellimha diversi drabi. Stqarr li meta kien imur jitkellem mal-habib tieghu Joseph Camilleri fuq ix-xoghol, kien jiltaqa' maghha ghaliex hija kienet tahdem fl-istess post bhalu. Ikkonferma li kien hemm xi zmien meta

ppruvat tbieghlu l-karozza tal-ghamla Mercedes, tal-ghamla A Class u ta' kulur silver grey. Mistoqsi jekk qattx ipprova il-karozza wiegeb li dan qatt ma sehh. Kompla jsostni li hi kienet dejjem tghid li l-karrozza kienet dejjem iggaraxxjata, kienet ta' *owner* wiehed u li kienet f'kundizzjoni tajba, pinna. Qaltlu wkoll li kien idur bija r-ragel taghha. Mistoqsi kemm kienet talbitu ghal din il-vettura wiegeb li ma jafx.

**Susan Camilleri** xehdet nhar il-11 ta' Lulju 2012 fejn iddikjarat li hija tigi l-mara ta' l-attur. Mistoqsi jekk tafx lil Carmen Xuereb, wiegbet li ma tafhiex pero' lil Connie Gafa' jafha. Ikkonfermat li zewgha kien jahdem fl-istess kumpanija ma' Connie Gafa' u hi wkoll gieli ghamlet xi xoghol hemmekk. Tenniet li hi sahansitra kienet kelmet lil Connie Gafa' waqt xoghol u anke meta kienu marru sabiex jixtru l-karozza. Kienet qaltilha li l-vettura in kwistjoni kienet ta' habiba taghha Carmen Xuereb pero' kienet awtorizzata sabiex tbieghha ghan-nom taghha. Fil-fatt huma kienu xtraw il-karozza Marcedes A Class minghandha ghas-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000). Issostni li kienet gurnata fost l-ohrajn tard fil-ghaxija. Huma qatt ma kienu ppruvaw il-karozza qabel ma xtrawha. Ikkonfermat pero' li Connie Gafa' kienet qaltilhom li l-karozza kienet f'kundizzjoni tajba u xtrawha fuq il-kelma taghha li kienet tajba. Tenniet li dakinhar meta telqu minghandha, hi kienet nizlet id-dar bil-karozza li kienu telghu biha, li hija dik taghha, waqt li r-ragel kien nizel bil-gdida. Meta waslu d-dar staqsietu kif kien mar bija, u qallha li kellha fil-fatt, ftit cekcik fuq in-naha ta' quddiem u li kien bi hsiebu johodha ghand il-mekkanik, u taf li sussugwentament kien hadha dik il-gimgha stess. Tenniet li pero' ma kienetx marret mieghu ghand il-mekkanik. Ikkonfermat li l-*log book* ta' din il-vettura qatt ma' wasal ghandhom. Tenniet li t-*transfer* ta' din il-vettura ghal fuq ir-ragel taghha ma sarx u fil-fatt hija kienet qalet li l-log book kien mitluf u kienu sejrin jiltaqghu mas-sid ghand l-ADT sabiex isir it-transfer dirrettament fuqhom. Ikkonfermat li sid il-vettura hija Carmen Xuereb, pero'

qatt ma ltaqghet maghha, tafha b'isimha biss. Tenniet ukoll li din Carmen Xuereb qatt ma cemplitilhom sabiex imorru l-ADT sabiex jaghmlu t-transfer.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-11 ta' Lulju 2012 (fol. 14) fejn l-avukat difensur tal-konvenuta talbet li jkun hemm il-kjamat in kawza ta' Connie u George Gafa'.

Rat li l-avukat tal-attur iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal tali talba u ghalhekk f'dik l-istess seduta il-Qorti laqghet it-talba taghha u ordnat il-kjamat in kawza ta' Connie u George konjugi Gafa'.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2012 l-avukat tal-konvenuta talbet korrezzjoni f'kunjom il-konvenuta fis-sens li minn 'Xuereb' jigi 'Vassallo' u l-Qorti dakinhar stess laqghet it-talba u ordnat li ssir il-korrezzjoni kif mitluba.

Rat ir-risposta tal-kjamati in kawza George u Connie konjugi Gafa' li giet prezentata fit-28 ta' Settembru 2012 fejn eccepew:

1. *"Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari, ir-rikorrenti m'ghandux interess guridiku fil-kawza odjerna in kwantu l-vettura mertu tal-kawza ma gietx mixtrija minnu kif iddikjarat fir-rikors promotur;*

2. *Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-vettura mertu tal-kawza giet mixtrija minn Susan Camilleri (I.D. 474975M), kif jirrizulta mill-ftehim anness bhala Dok. A, u ghalhekk il-gudizzju m'huwiex integru ghaliex l-imsemmija Susan Camilleri mhix parti mill-kawza odjerna;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kjamati in kawza m'ghandhom l-ebda responsabbilta' ghall-vettura mertu tal-kawza, fl-ewwel lok in kwantu din qatt ma kienet proprjeta' taghhom u fit-tieni lok u in kwantu fil-bejgh tal-vettura huma kienu qeghdin jagixxu ghan-nom tal-intimata Carmen Vassallo kif jirrizulta mid-dokument anness bhala Dok. A u kif se jirrizulta ampjament fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi l-kjamati in kawza fil-fatt kienu jagixxu ghan-nom tal-intimata Carmen Vassallo fir-rigward ta' diversi affarijiet ohra u dan semplicement fi spirtu ta' hbiberija u bhala girien u fil-fatt il-kjamati in kawza qatt ma talbu xi forma ta' hlas da parti tal-intimata;*

5. *Illi l-kjamati in kawza agixxew in buona fede fir-rigward tal-bejgh tal-vettura u dan fuq struzzjonijiet u informazzjoni rigwardanti l-vettura moghtija lilhom mill-intimata;*

6. *Illi l-vettura mertu tal-kawza giet mixtrija minn Susan Camilleri 'tale quale' kif jirrizulta mid-dokument anness mar-risposta odjerna bhala Dok A u ghalhekk ir-responsabbilta' ghal kwalunkwe difetti li setghet kellha l-vettura giet ittrasferita fuq Susan Camilleri fil-mument ta' l-akkwist;*

7. *Illi qabel ma akkwistat il-vettura Susan Camilleri kellha kull opportunita' li tivverifika l-istess vettura, kemm personalment jew permezz ta' mechanic ta' fiducja taghha pero' rrifjutat li taghmel dan;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-vettura mertu tal-kawza kienet f'kundizzjoni tajba fil-mument tal-bejgh favur Susan Camilleri;*

9. *Illi l-kjamati in kawza m'humiex responsabbli ghal kwalunkwe citazzjoni fir-rigward tal-vettura mertu tal-kawza;*

10. *Illi ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom;*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Spiridione Xuereb** xehed fil-5 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li lil Carmen Vassallo jafha peress li kienet martu. Huwa ma jafx lil Joseph jew Susan Camilleri u ma jaf xejn dwar xi allegat bejgh ta' Mercedes A Class. Ix-xhud spjega li Carmen Vassallo kellha Mercedes A Class li kellha numru tar-registrazzjoni CVX 111, pero' huwa ma jafx x'sar minnha. Din il-karozza kien xtrahielha missierha xi tnax-il sena ilu.

Huwa ma jaf xejn fuq din il-karozza, lanqas jekk qattx saru xi riparazzjonijiet jew le u ma kellux access ghaliha. Din kienet rigal bejn missierha u l-mara tieghu. Huwa stqarr li kien hemm separazzjoni ta' l-assi u cioe' kuntratt bejnu u bejn il-mara. Din il-karozza missierha kien taghhielha matul iz-zwieg. Hawn ix-xhud ikkorega ruhu u qal li mhux separazzjoni tal-assi kien hemm, izda kien hemm il-qsim tal-immobbli u tal-kommunjoni, u qal li din il-karozza giet assenjata lilha. Mistoqsi jekk jafx lil Connie Gafa' qal li ma jafhiex, u lanqas jaf lil George Gafa'. Lanqas ma jaf li kien hemm xi prokura bejn martu u dawn in-nies. Huwa ddikjara li ma kien jaf xejn.

**Stephen Cachia** xehed fil-5 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta. Huwa gie mitlub biex jaghmel ricerka dwar il-vettura tal-ghamla Mercedes Benz A Class bin-numru tar-registrazzjoni CBO 179. Mir-ricerka li ghamel irrizulta li l-vettura in kwistjoni hija registrata f'isem Carmela Xuereb, detentrici tal-karta tal-Identita' bin-Numru 384567 (M), u ilha hekk registrata f'isimha mis-7 ta' Novembru 2000 u l-ahhar licenzja valida tal-vettura skadiet fil-31 ta' Marzu 2010. Huwa ma giex mitlub biex jiccekja jekk kienx hemm xi restrizzjonijiet jew le, ghal possibbilta' ta' transfer, pero' jaf li hemm ammont ta' cittazzjonijiet pendenti, li naturalment iridu jithallsu mat-transfer.

**Stephen Cachia** rega' xehed fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li hu kien gie mitlub sabiex igib rendikont tac-citazzjonijiet li hemm pendenti fuq il-vettura in kwestjoni, CBO 179. Huwa stqarr li llum hu jinsab f'posizzjoni li jaghmel dan u filfatt esebixxa dan. Ix-xhud qal li bhala ammont dovuti fuq ic-citazzjonijiet hemm seba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€768.47) u spjega li naturalment dawn huma dawk li ghandhom imdahhlin fis-sistema. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhal dokument SC. Dawn ic-citazzjonijiet jirrelataw ghaz-zmien 2009 sal-15 ta' Ottubru 2012 skont ir-records taghhom u huma c-citazzjonijiet pendenti. Huwa spjega wkoll li biex isir it-transfer, iridu l-ewwel jithallsu dawn ic-citazzjonijiet.

**Il-konvenuta Carmen Vassallo** xehdet fis-16 ta' Jannar 2013 fejn meta giet mistoqsija jekk tafx lil Joseph jew Susan Camilleri hija wiegbet fin-negattiv ghax effettivament qatt ma rathom. Pero' hija kienet taf lil Connie u lil George Gafa'

bhala l-girien taghha. Fil-fatt ilha tafhom ghal madwar hamsa u ghoxrin sena. Hija ddikjarat li qatt ma tathom xi prokura sabiex jagixxu f'isimha.

Spjegat li tiftakar li xi zmien ilu kellha Mercedes A Class li xtaqet tbieghha, u kienet kellmet lil Connie dwarha. Connie wegbitha li kien hemm persuna li kienet interessata fiha. Nel frattemp qaghdet iddur id-dealers biex tara jekk setghetx tbiegh din il-karozza, u tghid li kienet qed titlob is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) . Hija stqarret li dan Joseph, li kienet resqitu Connie kien accetta li jixtri din il-vettura ghal din is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000). Ikkonfermat pero' li qatt ma kienet iltaqghet ma' dan Joseph. Filfatt kien George li ddealja mieghu direttament. Stqarret li hi kienet qalet lil George li dan Joseph kellu jiehu l-karozza ghand il-mekkanik sabiex jara jekk ikunx sodisfatt biha. Fil-fatt seta' anke jmur dawra biha. Pero' skont ma qalilha George, Joseph ma riedx u riedha dak il-hin. Hija taf li George kien gabilha l-flus, u huwa iffirma xi karta, li effettivament dan Joseph kien ha l-karozza taghha.

Hija sostniet li qabel ma effettivament ghamlet dan il-bejgh hija kienet ghamlet *service,* biddlitilha l-batterija u l-karozza kienet tahdem tajjeb. Mistoqsija jekk ghandhiex kopja tal-karta li kienet iffirmat meta effettivament George kien taha l-flus qalet li iva ghandha, pero' qieghda d-dar. Hija promettiet li tesebiha fis-seduta sussegwenti, u ziedet tghid li din il-karozza ma kien jonqosha xejn meta bieghetha. Mistoqsija ghand min kienet tiehu l-vettura ghas-service, qalet li kienet tehodha ghand Kinds u ghand Ray's Mechanic gewwa Hal-Qormi. Fil-fatt id-dar ghandha d-dettalji dwar min kien qed jiehu hsieb il-karozza.

Sostniet li in segwitu li huwa ha il-karozza, hu qal li kellha xi difetti u kien talabha s-somma ta' xi tlett elef (€3,000) jew erbat elef ewro (€4,000), u t-*transfer*

ghalhekk ma sarx. Is-sur Camilleri kien hallasha is-somma ta' sitt elef ewro. Nonostante li Joseph Camilleri jghid li l-karozza hija diffettusa, huwa fil-fatt qieghed jigri biha u kienet qed tircievi citazzzjonijiet u anke kien qieghed isuqha minghajr assikurazzjoni. Hija ma marritx ghand l-ADT sabiex tghidilhom fuq dan ghax Joseph Camilleri irid din is-somma flus lura minn ghandha. It-transfer ma sar qatt. Ikkonfermat li ma tafx li hemm xi *log book* mitluf ghax sakemm kienet taghtu l-karozza, kienet ghadha kif hallset l-assikurazzjoni u l-licenzja taghha u kienet ghamlet ukoll il-VRT. Spjegat li l-VRT kien jiehu hsiebha Ray's Mechanic u promettiet li taghti d-dettalji ta' dan il-mekkanik fis-seduta sussegwenti. Il-karozza kienet ilha ghandha mis-sena elfejn. Mistoqsija meta effettivament kienet bieghet din il-karozza qalet li tahseb ilu xi sentejn.

**Carmen Vassallo** regghet xehdet fit-23 ta' Jannar 2013 u esebiet kopja tal-assikurazzjoni li kienet hallset fuq il-vettura in kwistjoni. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Hija ghandha wkoll kopja tal-ittra ufficcjali li kienet baghtet lil Joseph Camilleri fejn kienet talbitu biex jaghmel it-transfer relattiv li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z1. Hija spjegat li l-isem tal-mekkanik fejn kienet tiehu l-karozza huwa Ray Avellino. Hija esebiet ukoll kopja ta' dokumentazzjoni fejn George indika li kien irceva l-flus minghand l-attur. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z2. Il-VRT fuq il-vettura kienet ghamlitha fit-2008. Is-service hija kienet taghmlu regolari kull sitt xhur pero' qabel ma bieghet il-karozza, hija kienet ghamlitilha service u kienet biddlitilha l-battery. Ezattament kemm qabel ma tafx, pero' xi erba' xhur qabel zgur. Kien l-istess Ray Avellino li ha hsieb biex jaghmel il-VRT test fuq din il-vettura. Il-konvenuta kienet taghat il-vettura lis-sur Ray Avellino biex jaghmillha is-service. Il-karozza qatt ma kienet fil-pussess ta' George Gafa', dejjem kienet ghandha. Ray Avellino ghandu il-garage tieghu, gewwa Geronimo,

Abos Street, L-iklin. George kellu l-pussess tal-vettura, meta kien ikun maghha biss.

**Glenn Fenech** xehed ukoll fis-16 ta' Jannar 2013 fejn gie mistoqsi jekk jafx lill-konjugi Susan u Joseph Camilleri u qal li iva jaf lilu, u cioe' lil Joseph Camilleri. Huwa fil-fatt jahdem bhala mekkanik. Mistoqsi kif jaf lil Joseph, wiegeb li effettivament Joseph kien hadlu l-karozza tieghu sabiex tissewwa ghandu. Ix-xhud kien jahdem mas-socjeta' M.I.S.S Limited bhala lavrant. Fil-fatt il-karozza li kien gab Joseph kienet tal-ghamla Mercedes A Class u gabha xi tliet snin ilu. Mistoqsi jekk ghandux lista tal-*job card* tal-affarijiet li huma biddlu qal li le m'ghandhomx, pero' jaf li biddlu xi affarijiet, fosthom pompi tal-ilma u l-clutch. Mistoqsi kemm effettivament jammontaw dawn l-ispejjez wiegeb li ma jafx, pero' jammontaw naqra mhux hazin. Fill-fatt jaf li skont ma qal Joseph, il-karozza kienet ilha ghandu ftit zmien, u huwa fehem li kienet kwistjoni ta' granet.

**Il-kjamat in kawza George Gafa'** xehed fl-10 ta' April 2013 fejn meta gie mistoqsi jekk jafx lil Joseph jew lil Susan Camilleri, qal li lil Joseph Camilleri kien jafu peress li kien jahdem fl-istess kumpanija tal-mara tieghu u jaf li filfatt kienu ilhom jahdmu flimkien ghal diversi snin. Il-mara tieghu kienet tokkupa l-kariga ta' manager u l-attur kien impjegat hemm. Sa fejn kien jaf kellhom relazzjoni normali ta' haddiema. Huwa tenna li Carmen Vassallo xtaqet tbiegh il-vettura taghha tal-ghamla Mercedes A Class 170 bin-numru tar-registrazzjoni CBO 179 u kienet staqsiethom biex isibulha l-bejgh taghha. Huma filfatt jigu l-girien ta' din l-istess Carmen Vassallo. Filfatt huma ma kinux gew imweghda xi senserija jew affarijiet bhal dawn. Carmen kienet avvicinathom lejn l-ahhar tas-sena 2009 bidu tas-sena 2010. Huwa kien qed jimxi fuq struzzjonijiet ta' Carmen u kien qed

jinfurmaha b'dak li kien ghaddej. Huwa filfatt kien akkumpanja lil Carmen ghand diversi *dealers* u fl-ahhar kienu waslu ma' xi *dealer*, anke fuq il-prezz kienu qablu.

Ix-xhud spjega li huma kienu waslu ghall-prezz li kienet qed titlob Carmen u cioe' l-prezz ta' sitt elef ewro (€6,000) , pero' jaf li fil-frattemp martu kienet tkellmet direttament ma' Joseph u dan kien fil-bidu tan-negozju li kien ghaddej u jaf li kienet qaltlu jekk hu kienx jaf lil xi hadd li kien interessat fiha. Huwa sostna li kull min ipprova l-karozza hadd ma qal dwar xi spejjez ta' din il-vettura jew xi hsara u iddikjara li d-dealers kollha kienu ppruvawha. Fil-bidu tad-diskursati Joseph kien qal lil Connie li filatt kellu lil xi hadd interessat fiha. Filfatt minn Ottubru/Novembru 2009 sa meta sar il-bejgh effettiv fis-17 ta' Frar 2010 kienu ghaddew xhur u tul dan il-perjodu jaf li Joseph kien qed jghidilha li kien jaf lil xi hadd interessat fil-vettura. Filfatt kien semma wkoll li min kien interessat fil-vettura kien lest li jhallas hamest elef ewro. Sussegwentament kien informa lil Carmen li kienu sabu lil xi hadd li xtaq jixtri l-karozza u li kienu ftehmu fuq il-prezz, pero' jiftakar li l-mara tieghu kienet qalet lil Joseph li effettivament kienu sabu l-bejgh taghha u gurnata qabel kien qalilhom li xtaq jixtriha hu. Fil-fatt jaf li kien baghat messagg fuq il-mobile tal-mara u qalilha biex taghmillu pjacir ghax kien interessat hu f'din il-vettura. Connie qaltlu hekk lix-xhud u huwa ma sabx oggezzjoni, filfatt qaltlu biex ikellem lil Joseph u x-xhud hekk ghamel u kienu ftehmu fuq il-prezz ta' sitt elef ewro (€ 6,000) u dan kien il-prezz li kienet qed titlob Carmen ghal vettura taghha.

Huwa dejjem gharraf lil Carmen b'dak li kien qed jigri f'kull stadju u meta qalilha hekk qablet li kellu jsir il-bejgh. Huma kienu ftehmu li Joseph kellu jsuq il-karozza u jehodha ghand mekkanik tas-sodisfazzjon tieghu izda Joseph ma riedx jistenna, kellu ghaggla kbira u ried jigi jiehu l-karozza dakinhar stess. Filfatt dakinhar stess

filghaxija kien mar u gabar il-karozza u filfatt gabarha mid-dar taghhom. Filfatt ikkonferma li huwa kien qallu jekk riedx jiehu l-karozza ghand mekkanik pero' nsista li jiehu l-karozza dak il-hin stess. Dan id-diskors sar quddiem martu ukoll. Huwa stqarr li Carmen kienet tghidlu li l-vettura kienet qed tahdem sew u kull meta marru ghand id-dealers hadd qatt ma qal li ma kinitx tahdem sew. Lil Joseph huwa qallu li l-karozza kienet qieghda tajba u tahdem tajjeb.

Mistoqsi jekk ix-xhud kienx isuqha meta jmorru ghand id-dealers wiegeb li kienet tkun Carmen li ssuqha. Il-vettura qatt ma kienet fil-pussess tax-xhud, dejjem ghand Carmen kienet tkun. Huwa qatt ma nnota li kien hemm xi cekcik fil-karozza. Dejjem startjat b'mod normali skond ma qaltlu Carmen u s-service u l-VRT dejjem kien isir minnha. Mistoqsi ghaliex ma tax il-log book lil Joseph Camilleri dakinhar tal-bejgh qal li l-kwistjoni dwar transfer kellha tiehu hsiebha Carmen. Huwa ma kien jaf bl-ebda problema fuq dan il-*log book*. Huwa ddikjara li ma kienx involut fit-*transfe*r. Huwa dakinhar stess ta ricevuta tal-flus li hu ta lil Carmen fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000) . Huwa tah ukoll ricevuta ta' *battery* gdida u bil-garanzija taghha. Huwa ma zammx kopja tal-ircevuta tal-*battery.* Cahad li effettivament huwa kien ftiehem ma' Joseph Camilleri li kellu jiehu l-karozza B'Kara. Qal li Joseph Camilleri kien filfatt ftiehem mal-mara li kien sejjer id-dar ghaliha u hekk kien ghamel, mar dakinhar stess. Kien mar flimkien ma' martu. Fil-fatt kien xtaq ukoll li l-ircevuta ssir fuq Susan Camilleri u hekk sar. Huwa kellu l-prokura generali ta' Carmen, u esebixxa kopja ta' l-istess li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument S.

Stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' awditur. Spjega li din il-prokura giet moghtija lilu peress li kien jghinha fuq affarijiet professjonali pero' li ma humiex relatati ma' dan il-kaz. Huwa joqghod faccata ta' Carmen Vassallo. Il-vettura kien ilu

jaraha fil-pussess taghha izda ma jafx li qatt kien hemm problemi dwarha. Filfatt Carmen ma marritx meta sar il-bejgh ghalkemm tghix faccata tieghu.

**Il-kjamata in kawza Connie Gafa'** xehdet fl-10 ta' April 2013 fejn iddikjarat li hija tigi mart George Gafa'. Hija kienet prezenti waqt li xehed ir-ragel taghha u kkonfermat dak li qal. Filfatt ghamlet referenza dwar dik il-kwistjoni li semma' r-ragel dwar il-messagg li rceviet fuq il-*mobile phone* taghha. Hija qalet li l-mobile *phone taghha* huwa fil-pussess taghha u wriet lill-Qorti u lill-partijiet il-messagg li rceviet. Filfatt uriet il-*mobile phone* taghha lill-Qorti fejn fuqu hemm miktub '*Joe handyman'* u qalet li l-kliem huma dawn is-segwenti: '*Conn ghidilha thalliha sitt elef halli nehodha ghalija, narmi din l-iskamplu ghaliex ser issellifni xi haga l-kunjata, dik tisma minnek u taghmel pjacir lili'*. Il-mobile number tal-Joe il-handyman kif irregistrat fuq il-mobile tax-xhud hu *omissis*.

**Simon Muscat** xehed fit-22 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa ghandu garaxx fejn isir xi xoghol ta' mekkanik. Mistoqsi jekk jafx lill-attur prezenti fl-Awla qal li jafu ghax kien jaghmillu xi xoghol u jaf li kien jahdem vicin tieghu. Ix-xhud jiftakar li kien hadlu Mercedes biex jiccekjawha u qallu li kien hemm xi hsarat fiha u kellhom isiru xi affarijiet fosthom kellu jinbidel id-*dual mast* li huwa l-*clutch* kif komplut u kien hemm xi *mounting shock absorbers* u affarijiet ohrajn. Huwa stqarr li l-*body* tal-karozza ma kienx f'kundizzjoni hazina. Mistoqsi dwar l-intier tal-vettura qal li ma tax kasu ghax dak mhux xoghlu. Filfatt it-tiswijiet necessarji ghamilhom hu.

Mistoqsi kemm kien il-kont wiegeb li ma jiftakarx ghax ghadda z-zmien pero' jaf li gie aktar minn elfejn ewro. Ix-xhud jaf li Joseph kien xtara l-karozza minnghand wahda mara, pero' l-ftehim kien diga' sehh meta hadha ghandu. Pero' huwa ma

jiftakarx kemm wara effettivament hadlu l-karozza pero' kienet kwistjoni ta' ftit zmien. Huwa tenna li thallas tax-xoghol li ghamel mill-attur.

Spjega li huma kienu ordnaw xi parts u kellhom jistennewhom jigu minn barra. Il-karozza damet ghandu fuq xahrejn zgur. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk kienx hemm xi kwistjoni dwar *log books* qal li ma jiftakarx.

In kontro-ezami qal li meta l-attur hadlu l-karozza kien diga' xtraha pero' jaf li qallu sabiex jiccekjahielu ghalkemm ma ndikalux xi problemi seta' kellha. Huwa ma ghandux ricevuta x'jesebixxi ghax ta' qabel ma kienux izommuhom bil-computer.

**Joseph Camilleri**, riprodott xehed fit-22 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li qabel ma kien tkellem mal-avukata tieghu huwa kien ikkomunika direttament ma' Carmen Vassallo tramite l-avukat Dr Busietta u baghtulha diversi ittri. Meta gew biex fethu l-kawza hu kien ta d-dokumentazzjoni kollha li kellu lil Dr Busietta u ma kienx zamm kopja ghax kien talbu biex jaghtih l-original. Pero' hu jaf li meta ghadda l-kaz tieghu lil Dr Bugeja, l-ircevuti tieghu ma nstabux. L-attur ikkonferma li staqsieh diversi drabi sabiex jaghtihomlu jew biex jipprova jsibhom izda sal-lum il-gurnata ghadu ma tahomlux.

L-attur stqarr illi peress li Simon indikalu li l-parts li kellu bzonn kienu gholjin, kien gab certu parts direttament huwa stess. Huwa esebixxa email li tindika l-prezzijiet tal-*fly wheel* u tal-*clutch* kif li semma' Simon Muscat fix-xhieda. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. Z. Huwa spjega li dawn ma kienux inkluzi fil-prezz li hallas lil Simon. Huwa qal ukoll li qatt ma kien kellem lil George

Gafa’ salv meta gew biex jaghmlu l-bejgh filghaxija. L-attur kien ghamel in-negozju kollu mal-mara tieghu fuq ix-xoghol. Huwa jaf li effettivament George Gafa’ kien ukoll idur bil-karozza. Filfatt kien idur id-dealers u kien juriha lil shab l-attur ukoll. L-ammont mitlub mill-attur fir-rikors promotur jinkludi wkoll l-ammont imsemmi f’Dok. Z.

**L-attur Joseph Camilleri** xehed in kontro-ezami fit-2 ta’ April 2014 fejn iddikjara li huwa minnu li huwa ma pprovax il-karozza li kien xtara minghand George Gafa’ u ma kienx ha l-karozza ghand *mechanic* qabel ma effettivament kien xtraha. Huwa cahad dak li qal George Gafa’ li kellu ftehim mieghu li kellu jiehu l-karozza ghand garaxx u li ma marx ghaliha, anzi ddikjara li kellu jkun George Gafa’ li kellu jmur bil-karozza sabiex ippruvaha gurnata shiha izda ma deherx. Mistoqsi ghaliex xorta xtraha wiegeb li huwa kien ilu jahdem ma’ Connie Gafa’ ghal zmien twil fl-istess ufficcju, filfatt kien ilu xi tmien snin. Huwa tenna li kull meta kellha bzonn pjacir huwa dejjem ghamilulha u ghalhekk ma ppretendiex li filfatt ser taghmillu jekk u tidhak bih hekk.

Mistoqsi kif jaf li George Gafa’ kien jigri bil-karozza wiegeb li kienet il-mara tieghu stess li qaltlu li kien qed idur id-*dealers* bil-karozza. Huwa jaf li darba minnhom kien mar sabiex jigbor lill-mara tieghu mix-xoghol bil-karozza stess u waqt li kien qieghed biha kien hemm habib tieghu certu Jason Smith u kien uriha lilu ghax qabel ma kien ser jixtriha kien qed ihajjar lil Smith sabiex jixtriha hu. Huwa qal li effettivament kien ra lil George Gafa’ taht il-gallarija tax-xoghol taghhom. Huwa ma kienx prezenti ghad-diskursata li saret bejnu u bejn Jason Smith pero’ sar jaf dwarha wara.

Huwa gie muri kopja ta' ittra ufficjali li tinsab inserita fl-atti a fol 129 u qal li ma jiftakarx jekk effettivament irceviex din l-ittra. Pero' sostna li kull ittra li rcieva kien imur biha ghand l-avukat biex jirrispondiha. Mistoqsi jekk setghax ircieva din l-ittra u ma wegibhiex qal li ma kellux ghalfejn ma jwegibx ghax kieku kien jasal biex jiftah il-kawza hu. Huwa ma jiftakarx jekk effettivament l-ircevuta tal-hlas li sar hargitx f'isem il-mara tieghu u cioe' Susan Camilleri. Sostna li huwa u l-mara tieghu huma parti mill-istess familja u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghaliex l-ircevuta ma ghandhiex tohrog f'isem il-mara tieghu. Pero' din l-ircevuta ma hargitx f'isimha. Huwa stqarr li ghaddej minn proceduri kriminali u kien ghalhekk li l-ircevuta harget f'isem il-mara.

**Simon Muscat** xehed in kontro-ezami fl-4 ta' Dicembru 2013 fejn gie mistoqsi jekk jafx lis-socjeta' MISS Limited u wiegeb li iva effettivament din hija s-socjeta' tieghu, waqt li Glen Fenech kien il-lavrant tieghu imma ma ghadux. Pero' meta saru t-tiswijiet fuq il-vettura in kwistjoni, Glen Fenech kien jahdem mieghu. Ix-xhud ikkonferma li d-*dual mast* li huwa l-*clutch* kif komplut u l-*mantling shock absorbers* effettivament saru tramite l-kumpanija tieghu, u kkonferma li l-vettura in kwistjoni qatt ma giet ghandu sabiex tigi spezzjonata qabel ma effettivament inxtrat minn Joseph Camilleri. Ix-xoghol fuq din il-vettura sar meta din kienet diga' propjeta ta' Joseph Camilleri.

**Lino Abela** xehed fit-8 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *technical manager* ma' Transport Malta. Huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fid-dipartiment dwar VRT Test li sar fuq il-vettura Mercedes A Class bin-numru tar-registrazzjoni CVO 179 b'mod partikolari ghal dawk it-testijiet li saru qabel 17 ta' Frar 2010. Huwa esebixxa d-data li ghandha Transport Malta mal-ezamijiet li saru fuq din il-vettura fejn huwa mmarkat bil-highlighter il-VRT Test u

dan rigward it-tests li saru qabel Frar 2010. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. VRT. Effettivament irrizultalu li l-ahhar VRT test li sar fuq din il-vettura kien fid-9 ta' Ottubru 2009 u minn dik id-data b'lura t-testijiet kienu jsiru b'mod regolari.

Rat in-nota tal-kjamati in kawza l-konjugi Gafa' li giet ipprezentata fl-14 ta' Mejju, 2014 li permezz taghha ezebew l-affidavits taghhom.

Rat l-affidavit ta' **George Gafa'** fejn iddikjara li huwa kien sar jaf lil Joseph Camilleri tramite l-mara tieghu Connie Gafa' peress li kien jahdem maghha. Huwa kien iltaqa' mal-mara tieghu u cioe' ma' Susan Camilleri darba biss u dan kien meta Joseph u Susan Camilleri kienu talbuh jghinhom rigward *Learning Support Assistant* (LSA) ghat-tifla taghhom. Huwa spjega li ilu jaf lil Carmen Vassallo ghal zmien twil ghax hi tigi l-gara tieghu u kien jghinha f'affarijiet professjonali li mhumiex relatati mal-kaz in kwistjoni.

Tenna li f'Ottubru/Novembru tas-sena 2009, Carmen VAssallo xtaqet tbiegh il-karozza taghha Mercedes A Class Reg. No. CBO-179 u kienet talbitu biex isibilha l-bejgh taghha. Huwa sostna li kien qed jimxi fuq struzzjonijiet ta' Carmen Vassallo u kien infurmaha b'dak kollu li kien ghaddej. Din il-karozza qatt ma kienet fil-pussess tieghu. Huwa spjega li flimkien ma' Carmen Vassallo, huma hadu l-Mercedes ghand diversi dealers biex ibieghu l-karozza. Dawn id-*dealers* li ghandhom esperjenza f'dan ir-rigward kollha ppruvaw il-karozza u hadd ma qalilhom li ghandha xi hsejjes jew xi hsara. Skont Carmen Vassallo l-karozza kienet tajba u kienet dejjem taghmel il-VRT u *service* regolari. Fl-ahhar huma kienu waslu fi ftehim ma' xi *dealer* u qablu ghall-prezz ta' sitt elef ewro (€6,000). Filfatt dan kien il-prezz li kienet qed titlob Carmen.

Ix-xhud tenna li l-mara tieghu Connie kienet qalet lil Joseph Camilleri jekk jafx b'xi hadd li jrid jixtri l-Mercedes. Filfatt minn Ottubru 2009 sa meta sar il-bejgh fis-17 ta' Frar 2010 kienu ghaddew diversi xhur u tul dan il-perjodu l-attur kien qed jghid lil Connie li kien jaf lil xi hadd li kien interessat fil-vettura u liema persuna kienet lesta thallas is-somma ta' hames elef ewro (€5,000).

Ix-xhud kompla jghid illi Joseph Camilleri ghall-ewwel qal li ghandu lil xi hadd li jrid jixtriha, izda meta l-mara tieghu qaltlu li sabu lil xi hadd li kien sa jixtri din il-karozza, l-attur qal lil Connie li ried jixtriha hu u talabha biex taghmillu pjacir u tirrangalu. Filfatt huwa jaf li kien baghat messagg fuq il-mobile tal-mara. Dan il-messagg ta' Joseph Camilleri (mobile no. *omissis*) datat 16 ta' Frar, 2010 fis-12.54pm kien jghid:

*"Con ajdila thalija 5 telef hali nohoda alija narmi din liskamplu ax has selifni xi haga l-kunjata dik tisma minek u tamel pjacir lili."*

Connie qalet b'dan lix-xhud u qaltlu biex l-ghada jkellmu hu lil Joseph. Filfatt meta kellmu, l-attur ghalkemm offra hamest elef Ewro (€5,000) kif hemm fil-messagg, kienu ftehmu fuq il-prezz ta' sitt elef ewro (€6,000). Huwa nforma b'dan lil Carmen u hi qablet li tbiegh il-Mercedes ghall-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000).

Ix-xhud u Joseph kienu ftehmu li kellu jsuq il-karozza u johodha ghand mekkanik ghas-sodisfazzjon tieghu. Dan gie kkonfermat minn Joseph Camilleri stess fix-

xhieda tieghu tat-13 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara "Nghid li effettivament jiena inghatajt l-opportunita' sabiex nipprova din il-karozza" izda Joseph Camilleri ma riedx jistenna u johodha ghand mekkanik u kien qal li ried jigi u jiehu l-karozza dakinhar stess filghaxija. Ix-xhud iddikjara li l-attur ma riedx jipprova l-karozza qabel ma hadha. Filfatt mar id-dar tax-xhud mal-mara tieghu Susan Camilleri filghaxija bil-flus f'idu u ha l-karozza wara li hallas u x-xhud tah ircevuta ghan-nom ta' Carmen Vassallo. Huwa stqarr illi tahom ricevuta ta' sitt elef ewro li hi annessa mar-risposta tieghu u tal-mara tieghu u tahom l-ircevuta u l-garanzija tal-battery l-gdida tal-karozza. Joseph Camilleri kien insista li l-ircevuta ssir fuq il-mara tieghu Susan Camilleri u hekk sar. Ix-xhud iddikjara li huwa kien informa b'kollox lil Carmen. Carmen ma setghetx tkun prezenti ghax kienet ghaddejja minn separazzjoni.

Sa fejn kien jaf ix-xhud il-karozza kienet tajba u ma kellhiex problemi u dejjem startjat b'mod normali u tahdem tajjeb u skont ma qaltilhom Carmen dejjem ghamlet il-VRT u s-service b'mod regolari. Wara xi gimgha l-attur kellem lill-mara tax-xhud Connie u qalilha li l-karozza ghandha l-hsara. Huwa qal lil Connie biex titlob lil Carmen is-somma ta' elf ewro (€ 1,000)  izda s-somma bdiet dejjem tikber. Ix-xhud iddikjara li l-attur qatt ma gab l-ebda rcevuti tal-ispejjez li kien qal li ghamel. Ix-xhud kien informa lil Carmen b'dan kollu u hi qaltlu li l-karozza kienet tajba u li kienet mibjugha bi prezz baxx hafna.

**George Gafa'** xehed fis-17 ta' Settembru, 2014 fejn gie mistoqsi jekk effettivament huwa kellux prokura ta' Carmen Vassallo u wiegeb li kellu u filfatt din il-prokura tinsab inserita fl-atti. Huwa qatt ma kien prezenti ghad-diskors li sar bejn Joseph Camilleri u martu. Carmen Vassallo kienet tiehu hsieb dak li jirrigwardja s-service u VRT tal-karozza. Mistoqsi jekk huwa qattx ha din il-

karozza ghand xi *dealer* biex jara jekk effettivament kellhiex xi hsarat wiegeb li huwa qatt ma hadha ghand mekkaniks u d-*dealers* kollha pprovawha u qatt ma qalulhom li kellha xi hsarat. Huwa jiftakar li fis-16 ta’ Frar fis-siegha neqsin sitt minuti Joseph Camilleri kien baghat messagg lill-mara tax-xhud fejn qallha biex Connie thallilhom il-karozza ghas-somma ta’ hamest elef ewro (€5,000) u dan sabiex jarmi l-iskamplu li kellu u dan wara li l-kunjata kienet se sselfu xi flus. L-ghada filghodu u cioe’ fis-sbatax ta’ Frar kien mar biex jiehu l-karozza, kienu ftehmu fuq il-prezz ta’ sitt elef ewro (€6,000) u filfatt ix-xhud kien qallu biex jmur jigbor il-karozza u jipprovaha u kien ix-xhud li qallu biex johodha ghand mekkanik. Fl-ebda hin ma qal lix-xhud li xtaq johodha ghand mekkanik.

Rat l-affidavit ta’ **Connie Gafa’** fejn iddikjarat illi wara li qrat l-affidavit ta’ zewgha George Gafa’ ikkonfermat dak kollu li qal. Hija spjegat li qatt ma talbet jew offriet lil Joseph Camilleri l-attur biex jixtri l-karozza ta’ Carmen Vassallo. Hija kienet semplicement talbitu jghidilha jekk jafx lil xi hadd li seta’ kien interessat jixtri l-Mercedes ta’ Carmen Vassallo. Wara xi zmien hija kienet infurmatu li r-ragel taghha kien sab lil xi hadd li ried jixtri l-karozza. Meta qaltlu hekk huwa baghtilha messagg biex taghmillu pjacir u tirrangalu biex jixtriha hu l-Mercedes. Dan il-messagg ta’ Joseph Camilleri (mobile no. 99846945) datat 16 ta’ Frar, 2010 fis-12.54pm kien jghid:

*“Con ajdila thalija 5 telef hali nohoda alija narmi din liskamplu ax has selifni xi haga l-kunjata dik tisma minek u tamel pjacir lili.”*

Ix-xhud spjegat li hija kienet qalet lil zewgha biex l-ghada jitkellem mieghu hu. Filfatt zewgha George kellmu u ftehmu li kellu jigi ghall-karozza biex isuqha u johodha ghand mekkanik. Pero’ Joseph Camilleri kien cemplilha u qalilha li ma

riedx jistenna u li kien gej ghal karozza dakinhar bil-lejl id-dar taghha. Huwa qalilha wkoll li ma kienx se jiehu l-karozza ghand mekkanik. Filfatt l-attur kien mar dakinhar stess flimkien ma' martu u hadu l-karozza. Joseph Camilleri kien saq il-karozza minn H'Attard u fuq insistenza tieghu l-ircevuta harget fuq il-mara tieghu Susan.

Hija stqarret illi kienet qalet lir-ragel taghha li peress li d-*dealers* kienu tawh l-istess prezz li kien offra Joseph u cioe' l-prezz ta' sitt elef ewro (€6,000), ahjar jaghtiha lilu ghax hu kien talab pjacir. Ix-xhud qalet li hi kienet dejjem tipprova tghin lill-attur u qatt ma ppruvat tidhaq bih kif qed jallega fix-xhieda tieghu. Sostniet illi kieku kienet taf li l-karozza seta' kellha xi hsara, zgur ma kienitx se tidhaq b'persuna li taf li se taffaccja kuljum fuq ix-xoghol anke in vista tal-karattru u l-kondotta li ghandu.

Ix-xhud qalet illi l-ghada li kien xtara l-karozza meta ltaqghu filghodu x-xoghol, l-attur ma qalilhiex li meta saq il-karozza lejn id-dar kien sab xi problema, anzi qalilha wara nofsinhar li l-mara tieghu kienet harget bil-Mercedes u kienet sabitha tajba. Filfatt kien wara gimgha li l-attur cemplilha u qalilha li kien ha l-karozza ghand mekkanik u li kellha madwar elf ewro (€1,000) hsara izda wara din is-somma bdiet dejjem tiela' pero' qatt ma pprezenta xi tip ta' rcevuta. Hija kienet qalet lir-ragel taghha dwar dak li kien qalilha l-attur u George kien informa lil Carmen Vassallo b'dan. Carmen kienet qalet li l-karozza kienet tajba u li kienet mibjugha prezz baxx hafna. Huma dejjem infurmaw lil Carmen b'dak li kien qed jigri f'kull stadju u dejjem imxew fuq l-istruzzjonijiet taghha. Carmen kienet tghid li l-karozza kienet tahdem tajjeb u li kien isirlha service u l-VRT. Filfatt kull *dealer* li pprova l-karozza hadd qatt ma qal li ma kienitx qed tahdem sew. Sa fejn kienet taf ix-xhud, qatt ma kellha xi problemi meta kienet ghadha ta' Carmen.

**Connie Gafa’** xehdet in kontro-ezami fis-17 ta’ Settembru 2014 fejn giet mistoqsija jekk kinitx taf illi Carmen Vassallo tat prokura lir-ragel taghha u wiegbet li iva kienet taf biha u kkonfermat il-verzjoni moghtija minn zewgha dwar din il-prokura. Hija spjegat illi George Gafa’ qatt ma kien prezenti ghad-diskussjoni li kien ikollha ma’ Joseph Camilleri u hija dejjem tkellmet wahedha ma’ Joseph Camilleri. Hija kkonfermat li qatt ma hadet il-karozza ghand mekkanik. Hija kkonfermat ukoll illi hadd mid-*dealers* ma qalilhom li l-karozza kellha xi problema. Ikkonfermat ghal darb’ohra li l-vettura qatt ma kienet fil-pussess taghhom. Spjegat illi Carmen Vassallo toqghod faccata taghhom u l-vettura kienet ipparkjata fit-triq faccata taghhom u ghalhekk meta mar Joseph Camilleri setghu jaghtuh il-karozza. Dakinhar meta mar jigbor il-karozza Joseph Camilleri kellmu u qallu li ma riedx jiehu l-karozza ghand mekkanik. Ikkonfermat ukoll li zewgha kien offrielu biex johodha ghand mekkanik. Ix-xhud giet mistoqsija ghaliex effettivament m’ghaddewlux il-*log book* dakinhar li bieghu l-karozza u wiegbet illi dawn kienet tiehu hsiebhom Carmen Vassallo u kienet se tghaddihomlu hi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur kif prezentata fl-atti nhar is-17 ta’ Ottubru 2014 (fol. 156), rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Carmen Vassallo kif prezentata fl-atti nhar id-19 ta’ Novembru 2014 (fol. 176) u rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kjamati in kawza kif prezentata fl-atti nhar is-17 ta’ Dicembru 2014 (fol. 185).

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

1. L-attur kien xtara il-vettura tal-ghamla Mercedes A Class, numru ta' registrazzjoni CBO-179 ghall-prezz ta' sitt elef ewro minghand il-konvenuta Carmen Vassallo u dan fis-17 ta' Frar 2010 kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok Z2 a fol. 66 tal-process.
2. Jidher li dan il-bejgh sar possibbli bl-interventi tal-kjamati in kawza Connie u zewgha George Gafa' u dan ghaliex kienu huma li laqqghu in-negozju fis-sens li intriducew lill-attur mal-konvenuta. Connie Gafa' tghid li kienet tahdem mal-attur u ghalhekk kienet kelmitu dwar il-vettura tal-gara tieghu l-konvenuta waqt li George Gafa' jghid li hu kien jiehsu hsieb l-affarijiet tal-konvenuta u ghalhekk kien indahal f'din il-materja sabiex jghin lill-konventa tbiegh il-vettura taghha.
3. Jirrizulta li effettivament meta l-attur xtara il-vettura kien mar jigborha minghand il-konventua li toqghod faccata tal-kjamati in kawza u kien hallas lill-kjamati in kawza s-somma ta' sitt elef ewro u li huma kienu ghaddew din is-somma lill-konvenuta.
4. Dwar dawn il-fatti sa issa ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.
5. Illi pero' wara xi gimgha jidher li l-attur ma kienx kuntent bil-vettura u dan ghaliex jghid li kellha bzonn xi tiswijiet tant li effettivament stqarr li kellha bzonn xi tibdil ta' xi parts li kellhom jigu minn barra u ghal dan il-ghan kien nefaq is-somma ta' erbat elef u mitt ewro (€4,100).
6. Cio' nonostatne pero' ricevuti ta' dawn l-ispejjez ma gewx esebiti u l-konvenuta tghid li ma kienx hemm bzonn ta' dawn it-tiswijiet peress li l-karozza kienet mizmuma tajjeb.
7. In oltre l-attur qed jitlob lill-konvenuta thallsu is-somma ta' elf ewro (€1,000) rapprezentanti din is-somma diversi citazzjonijiet li kien hemm pendenti fuq il-vettura.

8. L-attur jghid li ma ghamilx it-*transfer* ghaliex il-konvenuta ma riditx u peress li l-*logbook* kien mitluf waqt li l-konvenuta tghid li t-transfer ma sarx ghaliex l-attur kien qed jitlob flus minghandha u in oltre li ma riditx thallas ic-citazzjonijiet li hargu waqt li l-vettura kienet fil-pusess tal-attur.
9. Jirrizulta bhala fatt li verament kien hemm numru ta' citazzjonijiet li hargu u dan fl-ammont ta' €768.47 li jkopru l-perjodu tat-2 ta' Ottubru 2009 sal-15 ta' Ottubru 2012.
10. Jirrizulta li bhala fatt l-konvenuta verament kienet taghmel il-VRT tal-vettura u li kienet koperta b'polza ta' assikurazjoni waqt li kienet ghadha fil-pussess taghha.
11. Jirrizulta wkoll li bhala fatt l-attur ma hax il-vettura sabiex jezaminha qabel ma xtraha minkejja li l-konvenuta qaltlu li setgha jaghmel dan u minkejja li l-konvenuti anzi nsistew mieghu biex johodha. Dan nonostante jidher li appena sar il-bejgh l-attur ha l-pussess effettiv tal-vettura.
12. Jidher ukoll li l-attur kien interpella lill-konvenuta permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 2010 sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni ta' danni minnu sofferti rizultanti minn difetti mohbija fil-vettura li huwa akkwista minghandha, waqt li l-konvenuta cahdet tali talba u nsistiet li bieghet il-karozza tale quale bl-eskluzjoni tal-garanzija kontra d-difetti mohbija u in oltre interpellatu sabiex jersaq u jaghmel it-transfer relattiv.
13. Jidher li minkejja li l-attur ghamel din il-kawza fejn qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex thallsu ghad-danni li huwa sofra bhala rizultat tal-vettura li xtara minghandha dan baqa' juzaha tant li baqa' jircievi citazzjonijiet in konnessjoni mas-sewqan sbalordit tieghu.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati in kawza u tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta li hija mart l-attur li xtrat il-vettura u mhux l-attur u li ghalhekk kellha tkun hi li ntavolat il-kawza, din il-Qorti tirrileva li l-attur ghadu mizzewweg lil martu Susan Camilleri sa fejn jirrizulta mill-atti u li ma giex provat li bejniethom

hemm is-separazzjoni tal-beni u li ghahekk stant li r-regime tal-komunjoni tal-akkwisti huwa r-regim matrimonjali naturali taht il-ligi Maltija, huwa presunt li l-vettura mertu tal-kawza hija parti minn din il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-attur u martu u ghalhekk l-attur seta' facilment jagixxi wahdu f'din il-kawza. Bizzejjed issir refferenza ghal dak li jiddisponi l-**Artikolu 1321 (1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi s-segwenti:

*"L'amministrazioni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi imharrek dwar din l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga*."

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Dwar l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza li ma ghandhom l-ebda responsabbilta' ghall-vettura mertu tal-kawza u dan ghaliex il-vettura qatt ma kienet tappartjeni lilhom u li kienu qed jghinu biss lil Carmen Vassallo, jinghad li huwa minnu li l-kjamati in kawza indahlu biss f'din il-materja sabiex jghinu lill-konvenuta tiddisponi mill-vettura taghha. Ma jidhirx li huma thallsu ghal xi servizz li setghu tawha u li dak li kienu qed jaghmlu ghamluh a bazi tal-fatti li huma girien u li ghalhekk hassew il-htiega li jghinuha. Jidher li l-bejgh sar bejn l-attur u martu Susan u l-konvenuta sid il-vettura u li ghalhekk din il-Qorti hija propensa taqbel mat-tezi tal-kjamti in kawza li huma m'ghandhomx relazzjoni mal-attur u m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-bejgh li sar bejn terzi persuni u li huma ma kienux parti minnu. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u konsegwentement il-Qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol u tiddiskuti l-eccezzjonijiet l-ohra taghhom. Id-dokument esebit fl-atti a fol. 43 immarkat

bhala Dok A huwa *pacta sunt servanda* u jorbot biss lill-partijiet li ffirmawh u cioe' lill-attur u l-konvenuta.

Dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuta u cioe' li hija bieghet il-vettura lill-attur fi stat tajjeb u kwalsiasi hsara li setghet zviluppat fi stadju ulterjuri mhix responsabbli taghha u ghalhekk mhix responsabbli taghha, il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid.

M'hemmx dubju li l-vettura nbieghet tale quale u dan ghaliex fl-iskrittura ta' bejgh jew ahjar l-ircevuta li giet rilaxxjata mill-konventua ffirmata mill-attur ma hemm l-ebda riserva dwar xi drittijiet ulterjuri li ghandu l-attur izda hemm indikat li l-konventua kienet qed tircievi is-somma ta' sitt elef ewro minghand mart l-attur ghas-saldu tal-bejgh tal-vettura Mercedes A Class numru ta' registrazzjoni CBO-179 tale quale.

Illi l-konvenut ghalhekk fl-ewwel lok, isostni li l-bejgh sar *tale quale*. Illi fuq tali frazi fis-sentenza "**Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo noe**" (7 ta' Novembru 1988 – Vol LXXII.iv.817) inghad:

*"Illi t-tribunali taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn investigaw il-portata tal-frazi 'tale quale' li kultant tigi nserita fil-kuntratt tal-bejgh. Certu konflitt fil-gurisprudenza taghna, ta' min jirrileva m'huwiex nieqes. Hekk per ezempju, Kol. Vol. VII p 444* ***'Pace et vs Garcia'*** *– 8 ta' Novembru 1876, fejn jinghad li din il-klawsola 'esonera il venditore daqualsiasi garanzia per vizi occulti della cosa venduta, purche` ignoti al venditori', u Kol. Vol. XV p 381* ***'Bellia vs Tabone'***

*265/11.1895, fejn jinghad ghall-kuntrarju li din il-klawsola 'non ha per effetto di esonerare il venditore della responsabilita` per vizi occulti'*.

(Ara wkoll sentenzi: Kol. Vol. X p 472, Vol. XX.I.273; '**Borg vs Gingell'** - 4 ta' Novembru 1907'; Vol XXII.i.309: **'Grixti vs Simler'**: 28 ta' April 1913; '**Cristino Zahra et vs Ignazio Scicluna'**: PA (Civili): 23 ta' Jannar 1964; '**Emanuel Florian vs Rosario Desira'**: App Kumm: 9 ta' Gunju 1969; **'Gerald Mercieca vs Emmanuel Zammit'**: App Kumm:5 ta' Marzu 1979; '**Frances Attard vs Anthony Gatt'**: PA (Civil): 10 ta' Novembru 1986).

Illi din il-Qorti ma thossx il-htiega li tikkummenta fit-tul fuq din il-gurisprudenza u d-dottrina ccitata fiha peress li l-fehma ta' din il-Qorti l-pozizzjoni legali tohrog carissima anke mill-aktar erba' sentenzi ccitati u li qieghda ssir referenza ghalihom;

Illi bizzejjed jinghad hawn illi biex venditur ikun mehlus mill-ghoti ta' garanzija lix-xerrej ghall-vizzji okkulti, tali ftehim ikun irid jirrizulta b'mod cert u univoku tenut kont tac-cirkostanzi u tal-fatti speci partikolari tal-kaz. Certament, is-semplici inkluzjoni tal-frazi tale quale f'kuntratt ta' bejgh m'huwiex sufficjenti *per se* biex jehles min-naha l-ohra dan l-effett tal-frazi lanqas jista' jigi eskluz a priori.

Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenza "**Mario Debono et vs Anthony Portelli et**" (16 ta' Ottubru 1998, Vol.XXXII.iii.281).

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta bic-car li fil-ftehim li kien hemm ezistenti bejn il-partijiet esebit fl-atti a fol 43 immarkat bhala Dok A hemm imnizzel li l-vettura qed tinbiegh ‘tale quale’ u li l-attur kien qed ihallas ghas-saldu ‘in settlement’. Pero’ mhux hekk biss, mill-provi prodotti jirrizulta li l-kjamati in kawza li kienu qed jghinu lill-konventua tbiegh il-karozza it-tnejn xehdu li kienu offrew lill-attur sabiex jiehu l-vettura sabiex tigi spezzjonata minn mechanic tax-xelta tieghu pero’ l-attur ried il-karozza dak il-hin u b’hekk irrinunzja ghal din l-offerta. In oltre ma jirrizultax li l-hsarat li possibbilment seta’ kien hemm fil-vettura kienu gja ezistenti fil-mument tal-bejgh u dan ghaliex l-attur ma pprovax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti meta gew irrangati. Ix-xhieda li xehdu ghalkemm qalu li ghamlu xi tiswijiet hadd minnhom ma ndika l-perjodu u kif gew kagunati l-hsarat li irriskontraw. Jidher li l-vettura dejjem baqghet f’idejn l-attur tant li sahansitra anke gemma numru ta’ citazzjonijiet fuqha u li ghalhekk dan huwa indikattiv li l-vettura qieghda tinsaq fit-triq u m’hemmx dubbju li ghadha fil-pussess tieghu. Jinghad ukoll li ghalkemm l-attur jghid li nefaq is-somma ta’ erbat elef u mitt ewro (€4,100) sabiex irranga l-vettura huwa naqas li jesebixxi break down ta’ dawn l-ispejjez li huwa ghamel in konnessjoni mal-allegat riparazzjonijiet fil-vettura u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda ukoll.

Illi dwar l-ecezzjoni fir-rigward il-hlas ta’ elf ewro (€1,000) li l-attur qed jippretendi minghand il-konvenuta jinghad fl-ewwel lok li skond ix-xhud ta’ Transport Malta Stephen Cachia l-ammont dovut lill-Awtorita’ Transport Malta rapprezentanti spejjez in konnessjoni ma’ hlas ta’ citazzjonijiet, l-ammont pendenti llum huwa ta’ €768.47 li jkopru l-perjodu tat-2 ta’ Ottubru 2009 sal-15 ta’ Ottubru 2012. Issa bhala fatt jirrizulta li appena sar il-bejgh, il-vettura ghaddiet mill-pusess tal-konvenuta u f’idejn l-attur u dan b’effett mis-17 ta’ Frar 2010. Illi minn ezami tad-dokument esebit minn Stephen Cachia jirrizulta li c-

citazzjonijiet ikopru l-perjodu kollu meta l-vettura kienet f'idejn l-attur u ghalhekk zgur li l-konvenuta mhux responsabbli ghal dawn ic-citazzjonijiet.

**Konsegwentement din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tiddikjara li l-kjamati in kawza m'humiex responsabbli ghal bejgh in desamina u konsegwentement m'humiex l-persuni li ghandhom iwiegbu ghad-domandi attrici u konsegwentement qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez tal-kawza u dawk tal-ittra ufficcajli datata l ta' Lulju 2010 ghandhom jigu kollha sopportati mill-attur salv u b'eccezzjoni ghal dawk l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-kjamati in kawza li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta stante li dawn gew ammessi in kawza fuq talba taghha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------